MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 8/2023 LM

**Margaret Puglisi (K.I. nru. 619053(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2023, numru 111/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li

permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Margaret Puglisi (K.I. nru. 619053(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-30 ta' Awwissu, 2022.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-imsemmija deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat'] fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Medika (SKA) fejn ċaħadha għaliex huwa ma kienx sodisfatt li l-kapital tagħha ma kienx jeċċedi l-limitu ta' €14,000. Għandu jiġi rilevat li l-appellata kienet diġà ppreżentat applikazzjoni oħra fl-10 ta' Lulju, 2018 sabiex tirċievi l-imsemmija Għajnuna Medika u din ukoll kienet ġiet miċħuda għall-istess raġuni. Dak iż-żmien kien irriżulta lid-Direttur Ġenerali appellant li l-appellata kellha €31,338.50 fil-kontijiet bankarji tagħha, iżda fl-applikazzjoni tagħha hija kienet iddikjarat li kellha €10,005.64, u baqgħet ma spjegatx b'mod sodisfaċenti kif kienet nefqet il-bqija tal-fondi. L-istess ġara fil-każ tat-tieni applikazzjoni tagħha.

**Mertu**

3. L-appellata appellat mit-tieni deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant quddiem l-Arbitru fit-2 ta' Settembru, 2022, fejn ikkontestat l-imsemmija deċiżjoni.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fid-9 ta' Diċembru, 2022, fejn filwaqt li rrileva li l-appellata kienet fil-passat ikkontestat l-istess motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu u saħansitra din il-Qorti kienet ippronunzjat ruħha permezz tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar, 2021, tenna li wara li kkunsidra d-dokumenti li ppreżentat huwa ma kienx għadu sodisfatt li l-kapital tal-appellata ma kienx jeċċedi l-limitu ta' €14,000, u b'hekk ċaħad l-applikazzjoni tagħha.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tad-DSS tat-30 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha iddikjara li mhux sodisfatt li l-appellanta m'għandhiex kapitali li jeċċedi l-€14,000 u kwindi mhux intitolata għall-għajnuna medika.*
>
> *L-appellanta argumentat illi hija għamlet xi xogħlijiet u ħallset ħafna flus.*
>
> *Saret referenza għall-appell tat-3 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet Margaret Puglisi vs Direttur tas-Sigurtà Socjali li permezz tagħha il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tad-DSS.*
>
> *Il-bażi ta' din is-sentenza ma kienx il-mertu jekk verament l-appellanta nefqitx dawn il-flus li hija qalet li nefqet, imma għax kien hemm irċevuti li ma kienux fiskali u kwindi ma ġewx ikkunsidrati. Dan il-Qorti għamlitu għax ma tistax tittollera abbużi.*
>
> *F'dan il-kaz l-abbużi saru minn dawk li ġew jagħmlulha x-xogħol u ma tawhiex irċevuti fiskali biex huma, u mhux hi, jevadu t-taxxa. Il-Qorti tal-Appell għamlet sew li rrimarkat li ma jistgħu jiġu ittollerati abbużi. Hekk għandu jkun.*
>
> *Il-problema però li iffaċċjat din is-sinjura anzjana hi li min ġie jaħdmilha ma tahiex għażla. L-Arbitru jistaqsi x'saħħa kellha din is-sinjura li ġġiegħel lil min jaħdmilha jagħtiha rċevuta fiskali? Tirrappurthom u tgħix fil-biża'?*
>
> *Din hija deċiżjoni tad-DSS li ittieħdet kważi erba' snin wara dik li ġiet ikkonfermata mil-Qorti tal-Appell. Minkejja li għaddew 4 snin, id-DSS reġa' għamel referenza għall-*

*fatt li ma kellhiex irċevuti fiskali tax-xogħlijiet li għamlet 5 snin ilu. Fi ftit kliem qed jgħidilha biex ma tapplikax iżjed għax qatt ma hu se jgħaddilha għajnuna medika għax biex dan iseħħ hi trid tipproduċi l-irċevuti fiskali tax-xogħlijiet li saru dak iż-żmien. Xi ħaġa impossibbli.*

*L-irwol tad-DSS huwa wieħed ta' responsabiltà kbira. Irid ikun ta' sostenn u appoġġ lil eluf li għandhom bżonn l-għajnuniet soċjali imma fl-istess ħin jara li ma jsirux abbużi u jekk jinduna b'dawn l-abbużi jieħu azzjoni fuqhom.*

*Il-każ odjern ma hux wieħed minn dawk il-ħafna li d-DSS jara ta' min ikollu xi introjtu moħbi u jipprova jittanta jieħu xi għajnuna soċjali wkoll. Jew li jiddikjara li qed jgħix waħdu imma fil-fatt ikun jew tkun jgħix jew tgħix mal-*partner *jew il-familja.*

*Id-DSS irid jara fil-kuxjenza tiegħu jekk, każ bħal dan kienx jimmerita l-għajnuna soċjali* ***fil-mument li intalbet u l-persuna tkun eżaminata fid-data tal-applikazzjoni u jekk ikun għadda żmien raġonevoli minn talba oħra li ġiet miċħuda, din ma tkunx ikkunsidrata.***

*Id-DSS għandu l-obbligu li filwaqt li ma jħallix abbużi, ma jkollux nies li għandhom bżonn l-għajnuna għax ikunu ġenwinament fil-bżonn, imma jiċħadhielhom minħabba abbuż ta' ħaddieħor kif ġara f'dan il-każ. Id-DSS irid jistaqsi il-mistoqsija, l-appellanta fil-mument li għamlet l-applikazzjoni, kienet tinsab f'dik il-qagħda li tintitolha għal din l-għajnuna?*

*Fuq dan il-punt u ċioe' fid-data tal-applikazzjoni ma nġabet l-ebda prova in sostenn tad-DSS li f'dak iż-żmien l-appellanta kellha kapital oltre l-£14,000. Sempliċiment irrefera għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell suċitata. Ma kkontestax li l-appellanta nefqet il-flus imma ikkontesta biss il-validità tal-irċevuti għax ma kienux fiskali. F'każijiet bħal dawn noramlment id-DSS iġib il-provi anki tal-kontijiet bankarji attwali. Dan ma għamlux.*

*Kwindi hija l-umli opinjoni tal-Arbitru, li ma kellhiex issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tirrigwardja x'kien ġara 4 jew 5 snin ilum, imma kellu jkun hemm provi li jirreferu għal żmien l-applikazzjoni.*

*Għal dan il-motiv l-appell qed ikun milqugħ."*

## L-Appell

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-27 ta' April, 2023 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u

tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Awwissu, 2022, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi, u naqas milli japplika l-liġi in kwistjoni.

7. L-appellata għażlet li ma tweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jikkontendi li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi u naqas milli japplika l-liġi in kwistjoni. Wara li għaraf li f'dan l-istadju tal-appell mhux solitu li jiġi ddisturbat l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza, huwa għamel riferiment għall-osservazzjonijiet li saru mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u kkontenda li l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq min jitlob l-għajnuna anki fil-proċeduri quddiem l-Arbitru. Jissottometti li anki fil-każ odjern, l-oneru tal-prova kien dejjem fuq l-appellata, u meħud in konsiderazzjoni li hija diġà kienet parti fi proċeduri dwar l-istess kwistjoni, kienet taf li kienet tenuta tippreżenta evidenza sabiex turi li hija ma kinitx qabżet il-limiti permessi mil-liġi. Jgħid li għalhekk ma kienx jaqbel mal-fehma tal-Arbitru li kien jispetta lilu li jippreżenta d-debita prova. Hawnhekk jgħaddi sabiex jispjega l-prova dokumentarja li ġiet esebita fil-proċeduri odjerni konsistenti f'irċevuti f'ammont komplessiv ta' €1,423, u

rendikont li jgħid li huwa wieħed konfuż għall-aħħar. Spjega li filwaqt li huwa kien sab li l-appellata kellha kapital ta' €31,338.50, fl-applikazzjoni tagħha hija kienet iddikjarat li kellha €10,005.64. Jirrileva li sussegwentement l-appellata kienet spjegat l-infiq ta' ftit inqas minn €7,000, meta filfatt kienet tenuta tispjega kif nefqet ukoll ftit iktar minn €10,000 sabiex b'hekk setgħet tkun tista' titqies li hija taħt il-limitu permissibbli mil-liġi għall-intitolament tal-għajnuna. Madankollu l-Arbitru kkunsidra li l-appellata kienet fl-impossibilità li turi li hija kienet taqa' taħt il-limitu, u assuma li hija kienet proprju taħt l-imsemmi minimu, filwaqt li ċanfru għall-pożizzjoni meħuda minnu. Jirrileva li l-appellata saħansitra lanqas kienet xehdet sabiex tispjega l-ispejjeż l-oħra li hija setgħet inkorriet u li tagħhom kellha diffikultà li tipproduċi prova dokumentarja. Id-Direttur Ġenerali appellant jikkontendi li lanqas jista' jitqies li l-appellata kienet użat il-flus għall-ħajja ta' kuljum, għaliex ma kien hemm l-ebda prova fir-rigward, u wara kollox hija kienet qiegħda tirċievi pensjoni kontributorja f'ammont iktar mill-minimu stabbilit mil-liġi li minnha huwa ma setax inaqqas parti sabiex b'hekk jiġu riflessi l-inqas spejjeż tal-ħajja. Għal dawn ir-raġunijiet, isostni li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi revokata u d-deċiżjoni tiegħu kkonfermata.

10. Il-Qorti tgħid li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. Ġaladarba l-pożizzjoni tal-appellata baqgħet l-istess, jiġifieri għad hemm ammont ta' iktar minn €10,000 li huwa *unaccounted for* għaliex ma ressqet l-ebda prova dwar l-infiq ta' dan l-ammont, mqar permezz tax-xhieda tagħha, hija ma ssib l-ebda raġuni tajba għaliex għandha tbiddel dak li qalet fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2021 dwar l-istess mertu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tal-imsemmi Direttur Ġenerali appellant tat-30 ta' Awwissu, 2022, bl-ispejjeż kontra l-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**